32001D1218(01)

C 362/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.12.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-6 ta' Diċembru 2001
## li testendi l-mandat tal-Europol li jiehu ħsieb il-forom serji ta' kriminalità internazzjonali, li huma mniżżlin fl-Anness tal-Konvenzjoni tal-Europol

(2001/C 362/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Uffiċċju tal-Pulizija Ewropew, Europol (Il-Konvenzjoni tal-Europol) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tal-Belġju u dak ta' l-Isvezja ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([3]),

Wara li kkunsidra ix-xogħol preparatorju dwar din il-kwistjoni mill-Bord tal-Europol, b'mod partikolari l-informazzjoni dwar il-*budget* u l-implikazzjonijiet għall-persunal tal-Europol,

Billi:

(1) Wiehed mill-għanijiet ta' l-Unjoni hu li jipprovdi liċ-ċittadini, livell għoli ta' sigurtà f'ambjent ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi jiżviluppa azzjonijiet komuni bejn l-Istati Membri fl-oqsma tal-koperazzjoni tal-pulizija.

(2) Il-koperazzjoni tkun iktar msaħħa fil-parametri tal-Konvenzjoni tal-Europol, jekk il-Europol tagħmel x-xogħol tagħha billi tirrispetta kull aspett tal-kriminalità organizzata internazzjonali, f'ċertu żoni prioritarji li jissemmew fl-Anness tal-Konvenzjoni tal-Europol.

(3) Iż-żoni prijoritarji ghandhom jiġu definiti fuq il-bażi ta' riċerka kontinwa dwar it-tendenzi ta' l-atti kriminali fit-territorji ta' l-Istati Membri.

(4) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għar-rwolijiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1.*

1 Il-Europol hi istruwita hawnhekk biex tieħu ħsieb il-forom serji ta' kriminalità internazzjonali, li huma mniżżlin fl-Anness tal-Konvenzjoni tal-Europol.

*Artikolu 2*

1. Fuq proposta mill-Bord ta' Ġestjoni ta' l-Europol, il-Kunsill għandu jistabbilixxi unanimament liema forom serji ta' kriminalità internazzjonali għandhom jingħataw prijorità.

2. Id-Direttur għandu jinforma lill-Bord ta' Ġestjoni b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet.

3. Ir-rapport ġenerali rigward l-attivitajiet ta' l-Europol msemmi fl-Artikolu 28(10), fl-ewwel punt ta' l-ewwel subparagrafu tal-Konvenzjoni tal-Europol, għandu jkollu referenzi espliċiti għal, u jirrifletti dawn il-prijioritajiet u l-implimentazzjoni tagħhom.

*Artikolu 3*

1. Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fl-1 ta' Jannar 2002.

2. Mill-1 ta' Jannar 2002, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' April 1999 dwar l-estensjoni tal-mandat tal-Europol biex jieħu ħsieb l-iffalsifikar tal-flus u l-metodi ta' pagament ([4]) għandha tiġi mħassra.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fis-6 Diċembru 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. VERWILGHEN

([1]) ĠU C 316, tas-27.11.1995, p. 2.
([2]) ĠU C 176, tal-21.6.2001, p. 26
([3]) Opinjoni espressa fit-12 ta' Novembru 2001, u li ghadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) ĠU C 149, tat-28.5.1999, p. 16.